(b) Fil-każ li l-parti (a) tat-tieni domanda għandha tingħata risposta negattiva:

Il-preżenza ta' materjal barrani fi skart tista' tipprekludi, minħabba, b'mod partikolari, il-kwantità ta' dan il-materjal, li dan l-iskart ikun jaqa' taħt it-taqsima B 30 20, b'mod partikolari r-raba' paragrafu tagħha, anki meta l-kundizzjonijiet tar-rekwiżit ġenerali ta' informazzjoni tal-Anness III tar-Regolament Nru 1013/2006 ma jkunux issodisfatti, jiġifieri dan l-iskart ikun ikkontaminat b'materjal ieħor sa punt li ma jiżdidux ir-riskji assoċjati ma' dan l-iskart b'mod suffiċjenti li jkun xieraq li dan jiġi ssuġġettat għall-proċedura ta' notifika u ta' kunsens bil-miktub minn qabel, fid-dawl tal-karatteristiċi perikolużi elenkati fl-Anness III tad-Direttiva 2008/98/KE ([3]), u sa punt li ma jimpedixxix l-irkupru ta' dan l-iskart b'mod ambjentalment san?

3. Fil-każ li għall-parti (b) tal-ewwel domanda għandha tingħata risposta negattiva:

(a) Il-punt 3(g) tal-Anness IIIA tar-Regolament Nru 1013/2006 għandu jiġi interpretat fis-sens li t-taħlit ta' skart ikkonċernat ma għandu jinkludi ebda materjal barrani, jiġifieri li taħlit ta' skart ma jistax jaqa' taħt dan il-punt jekk jinkludi skart ieħor li ma jkunx l-iskart elenkat fl-ewwel tliet paragrafi tat-taqsima B 30 20 (materjal barrani), indipendentement mill-kwantità u mill-perikolu tiegħu?

(b) Fil-każ li għall-parti (a) tat-tielet domanda għandha tingħata risposta negattiva:

Il-materjal barrani li l-preżenza tiegħu ma teskludix fi kwalunkwe każ l-inklużjoni taħt il-punt 3(g) tal-Anness IIIA tar-Regolament Nru 1013/2006 jinkludi wkoll skart li, ikkunsidrat separatament, jaqa' taħt ir-raba' paragrafu tat-taqsima B 3020 ?

---

([1]) ĠU 2006, L 190, p. 1.

([2]) Konvenzjoni ta' Basel tat-22 ta' Marzu 1989 dwar il-kontroll ta' movimenti transkonfinali ta' skart perikoluż u r-rimi tiegħu.

([3]) Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU 2008, L 312, p. 3).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sofiyski rayonen sad (il-Bulgarija) fit-8 ta' Mejju 2019 — "BOSOLAR" EOOD vs "CHEZ ELEKTRO BULGARIA" AD**

**(Kawża C-366/19)**

(2019/C 255/32)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Sofiyski rayonen sad

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:*"BOSOLAR" EOOD

*Konvenuta:*"CHEZ ELEKTRO BULGARIA" AD

**Domandi preliminari**

1. L-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jirregola d-dritt għal-libertà ta' intrapriża fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-eżistenza ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, bħalma huwa l-Artikolu 18 tal-Prehodni i zaklyuchitelni razporedbi na Zakona za izmenenie i dopalnenie na zakona za energetikata (id-Dispożizzjonijiet Tranżitorji u Finali tal-Liġi li Temenda u li Tissupplimenta l-Liġi dwar l-Enerġija, iktar 'il quddiem il-"PZR ZIDZE"), li tipprevedi li, minkejja l-fatt li jkun ġie konkluż kuntratt u minkejja r-relazzjoni kuntrattwali eżistenti, li huma rregolati mid-dispożizzjonijiet speċjali tal-liġi applikabbli, wieħed mill-elementi essenzjali tal-kuntratt (il-prezz) jista' jiġi emendat permezz ta' att leġiżlattiv favur waħda mill-partijiet kontraenti?

2. Il-prinċipju ta' ċertezza legali għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-organizzazzjoni mill-ġdid ta' relazzjonijiet legali li jkunu diġà stabbiliti fuq il-bażi ta' dispożizzjonijiet speċjali bejn individwi privati jew bejn l-Istat u individwu privat f'sitwazzjoni fejn din l-organizzazzjoni mill-ġdid tippreġudika l-aspettattivi leġittimi tal-individwi privati u taffettwa d-drittijiet diġà miksuba minnhom?

3. Fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Settembru 2009, Plantanol (C-201/08, EU:C:2009:539), il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, bħala prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jippermettix lil Stat Membru jibdel, mingħajr garanziji suffiċjenti f'termini ta' prevedibbiltà, il-qafas legali applikabbli għall-produzzjoni tal-enerġija elettrika minn sorsi rinnovabbli billi jħassar qabel iż-żmien previst il-miżuri leġiżlattivi eżistenti intiżi li jinċentivaw il-produzzjoni tal-enerġija elettrika minn sorsi rinnovabbli u li huma marbuta ma' kuntratti konklużi għal perijodu twil ta' żmien dwar ix-xiri tal-enerġija elettrika, bi ksur tal-kundizzjonijiet li fihom individwi privati għamlu investimenti fil-produzzjoni tal-enerġija elettrika minn sorsi rinnovabbli u kkonkludew kuntratti għal perijodu twil ta' żmien dwar ix-xiri tal-enerġija elettrika minn fornituri tal-enerġija elettrika rregolati mill-Istat?

4. L-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ([1]), ikkunsidrati fid-dawl tal-premessi 8 u 14 tal-preambolu tagħha, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jobbligaw lill-Istati Membri jiżguraw, permezz ta' miżuri nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva, ċertezza legali għall-investituri fis-settur tal-produzzjoni tal-enerġija elettrika minn sorsi rinnovabbli, b'mod partikolari mill-enerġija solari?

   Fil-każ li din id-domanda tingħata risposta fl-affermattiv: L-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2009/28, ikkunsidrati flimkien mal-premessi 8 u 14 tagħha, jippermettu dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, bħalma huwa l-Artikolu 18 tal-PZR ZIDZE, li tibdel b'mod sinjifikattiv il-kundizzjonijiet preferenzjali għax-xiri tal-enerġija elettrika minn sorsi rinnovabbli anki għal kuntratti diġà konklużi għal perijodu twil ta' żmien dwar ix-xiri tal-enerġija elettrika minn tali sorsi konformement mal-miżuri nazzjonali inizjalment adottati għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' din id-direttiva?

5. Kif għandu jiġi interpretat il-kunċett ta' "Stat Membru" għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-livell nazzjonali? B'mod partikolari, fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Lulju 1990, Foster *et* vs British Gas plc (C-188/89, EU:C:1990:313) u fid-dawl tal-ġurisprudenza sussegwenti tal-Qorti tal-Ġustizzja li ssegwi din is-sentenza, dan il-kunċett jinkludi l-fornitur ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali (il-provvista tal-elettriku), bħalma hija l-kumpannija konvenuta fil-kawża prinċipali, li jkun inkarigat jipprovdi dan is-servizz taħt kundizzjonijiet irregolati b'dispożizzjonijiet legali permezz ta' att ta' awtorità tal-Istat u taħt is-sorveljanza ta' din l-awtorità?

([1]) Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU 2009, L 140, p. 16).